**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN**

**15 ta' FRAR, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard ma setgħax jattendi minħabba raġuni familjari. **Dok 1 mehmuż.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **24.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 24.1.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-punti f'punt numru 23.6.7 sarux. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tiċċekja. |
| | | |
| 24.1.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u għoxrin –il seduta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***24.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, U TAL-LAQGĦAT ANNWALI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 24.2.1 | | Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra x'jiġu approvati. |
| | | |
| 24.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 24 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. |
| | | |
| | | |
| ***24.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIŻMU U TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 24.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***24.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 24.4.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li l-Konfraternita' tal-Banda Verġni u Martri tal-Karmelu għamlet lill-Kunsill biex jagħti l-għajuna tiegħu fi ktieb li ser jiġi ppublikat f'għeluq il-175 sena mill wasla tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu fir-raħal.<br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv, ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsill ma jistax jagħti għajnuniet li ma jaqgħux taħt il-funzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| | | |
| 24.4.2 | | Is-Sindku ressaq petizzjoni minn residenti ta' Triq ta' Ciantar li jixtiequ li t-triq issir direzzjoni 'one way'.<br>Kien hemm qbil li tali talba titressaq quddiem t-TM għall-approvazzjoni. |
| | | |
| 24.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' CCTV għall-uffiċċju tal-Kunsill li tkun turi barra ukoll. Din l-istima inġiebet mingħand il-G4S u tammonta għal 647.87 Euro. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol. |
| | | |
| 24.4.4 | | Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier David Abdilla u lill-Joseph D'Amato tal-programm li ħejjew għad-delegazzjoni minn Pedara li ġew fiż-Żurrieq nhar il-Ġimgħa 10 ta' Frar u damu sat-12 ta' Frar. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li ġie mfassal programm estensiv u ta' suċċess. Hu rringrazzja lill-Kunsillier Kenneth Farrugia li ta l-għajnuna tiegħu f'biljetti orħos għall-entraturi f'mużewijiet.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal lid an il-ġemellaġġ għandu jkun suċċess minħabba l-fatt li jista jilqa l-orkestra taż-Żurrieq f'Pedara, flimkien ma' attivitajiet sportivi u edukattivi.<br><br>Is-Sindku qal li l-mawra tal-anzjani ta' din is-sena, tista ssir fuq jumejn fil-belt ta' Pedara.<br><br>Kif il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni tal-Ministeru u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jkun jista jinforma lill-Kunsill ta' Pedara biex jiġi ffirmat dan il-ġemellaġġ. |
| | | |
| | | |
| ***24.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 24.5.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato fakkar lill-Kunsill li nhar is-Sibt 17 ta' Frar, il-Kunsill ser itella kunċert mill-Orkestra taż-Żurrieq fl-Imdina. Għal din l-attivita' s-Surmast tal-orkestra Dr Role qed ikun f'diversi programme fuq it-TV biex jirreklama l-attivita'. Id-dħul ser ikun bla ħlas, imma min irid ikun jista jgħati donazzjoni b'risq il-pazjenti tal-mard mentali. Preżenti ser ikun hem mil-president tal-għaqda pilantropika biex tilqa' d-donazzjoniijet.<br>Il-Kunsillier Jospeh D'Amato qal li fl-aħħar attivita' li saret inġabru 205.84Euro lil għaqda oħra filantropika. |
| | | |
| ***24.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 24.6.1 | | Is-Sindku informa li l-Branch tal-BOV taż-Żurrieq ħa rikonoxximent tal-aqwa branch tal-BOV f'Malta.<br>Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' tifħir lill-Maniġer tal-bank. |
| | | |
| 24.6.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa biex il-Kunsill jagħmel *parking bays* fejn il-grawnd tal-*football* taż-Żurrieq u żewġ bollards biex il-vetturi ma jibqgħux telgħin sa quddiem l-entratura tal-grawnd. Ġie ssuġġeriet ukoll li issir tabella 'drop off zone' u keep clear quddiem ir-rampa ta' qabel tidħol fl-entratura tal-grawnds.<br><br>Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.<br><br>Fdan il-ħin il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis- |

| | | |
|---|---|---|
| | | seduta (ħin 18:30) |
| | | |
| 24.6.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa fuq il-kwistjoni tal-qtates fi Triq il-Karmnu.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi personali ħadet lill-qtates kollha tal-akwata biex jissewwew, ċemplet lis-santwarji tal-annimali biex joħduhom imma ħadd ma kien lest li jaċċetthom minħabba li jinsabu kollha mimlija. Għalhekk il-qtates kellhom jibqgħu fiż-żona.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill għamel biżżejjed għal din il-kolonja ta' qtates u jereġa jiġbor il-*cat litter tray* li tħalla fl-akwata u jingħata lil santwarju, ġaladarba mhux jintuża. |
| | | |
| 24.6.4 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li wara l-aħħar seduta, d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ppublika l-applikazzjonijiet għal-għoti ta' fondi għall-attivitajiet kulturali u ngħata biss ġimgħa ċans biex il-Kunsill japplika.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia nforma li l-Kunsill applika għall-attivita' ta' Festa Ħut li ser issir fl-4 ta' Ġunju, 2017. Hu qal ukoll li din ser tkun inkorporata mal-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq li ser isiru fl-1 ta' Ġunju. Is-Sindku qal li talab lill-Kap tal-Iskola biex it-tfal li jinsabu f'year 5 u 6 ipinġu fuq tema tal-ħut u l-aħjar tliet putturi jkunu rikonoxxuti fil-poster tal-attività.<br><br>Is-Sindku qal li bħas-sena l-oħra Jum iż-Żurrieq ser ikun iċċelebrat b'attivita' kulturali u ogħti ta' rikonoxximenti fis-sala tad-Day Centre taż-Żurrieq.<br><br>F'dan il-punt, il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jibda jagħmel l-attivita' ta' tpoġġija ta' bukketti/kuruni fuq il-monumenti prinċipali taż-Żurrieq. F'dan il-punt is-Sindku ma qabilx, għax qal li l-Kunsill kien qed joħloq aktar diżgwied milli ġid. Hu żied jgħid li barra minn hekk f'attività simili ma kienx ikun hemm parteċipazzjoni mir-residenti u mill-kunsilliera stess. Filwaqt li l-Kunsillier Dino Bonnici baqà jsostni l-punt tiegħu għax qal li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi x-xogħol li għamlu l-antenati tagħna, l-kumplament tal-Kunsill qabel mas-Sindku u kien hemm qbil li l-attivita' ta' Jum iż-Żurrieq għandha tkun biss fid-Day Centre bħas-sena li għaddiet. |
| | | |
| | | |
| ***24.7*** | | ***Financial Statements 2016*** |
| | | |
| 24.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-financial statements 2016 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.<br>Dawn ġew imħejjija mill-Accountant tal-Kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| 24.7.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa biex f'seduta oħra tkun preżenti l-accountant tal-Kunsill biex tispjega r-rapporti finanzjarji, spe`jalment fuq id-dħul mill-Gvern li l-Kunsill kellu fis-sena 2016. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| | | |
| **24.8.1** | | ***Tender – Outdoor gym*** |
| | | |
| 24.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li filwaqt li l-Kunsill għadu qed jistenna xi risposti minn Sportsmalta fuq il-Kuntratt li ser jiġi ffirmat fuq kiri ta' art fi Triq P P Pullicino, t-tender ġiet ippubblikata u tagħlaq fit-3 ta' April, 2017. |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***24.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 24.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€24,253.01**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***24.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 24.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22ta' Marzu, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum 22 ta' Marzu, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**